**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Ottubru 2021**

**Rikors Numru: 175/2014 MLF**

**Ismael Sammut**

**vs**

**A Falzon Energy Projects Ltd**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors ta' l-attur li permezz tieghu talab li s-socjeta' konvenuta tigi ikkundannata thallsu s-somma ta' €5000 (hamest elef euro) bilanc rimanenti mill-paga pattwita pagabbli lill-istess rikorrenti li spicca mill-impjieg fl-14 ta' Gunju 2013.

   Bl- ispejjez u bl-imghax skond il-ligi kontra s-socjeta' konvenuta.

2. Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

   i. Illi l-allegazzjonijiet u talba tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

ii. Illi bhala stat ta' fatt, l-impjieg relattiv gie terminat waqt il-*probationary period* u li ma ghad hemm l-ebda bilanc ta' paga dovut mis-socjeta' konvenuta lill-attur, stante illi dak kollu attwalment dovut, diga thallas.

3. Rat id-dokument u l-atti kollha ipprezentati.

4. Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

5. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. L-attur xehed li huwa kien impjegat mas-socjeta' konvenuta ghal perjodu ta' sitt xhur neqsin hmistax-il gurnata u dan l-impjieg spicca f'Gunju tas-sena 2013. Spjega li huwa kien thallas kollox minghand is-socjeta' konvenuta hlief ghal ammont ta' €5,000 li kellu jithallas lilu bhala *lump sum* kull sitt xhur. Qal li originarjament il-ftehim mas-socjeta' konvenuta kien li wara li jaghlaq sena fl-impjieg, is-socjeta' konvenuta kellha thallsu s-somma ta' €10,000 u dan il-hlas kellu l-iskop li l-attur ikun dizincentivat milli jittermina l-impjieg tieghu unilateralment. Xehed li sussegwentement kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet li minflok pagament ta' €10,000 wara sena, il-hlas ikun ta' €5,000 kull sitt xhur. [1]

ii. Carol Sammut, mart l-attur, xehdet li hija kienet prezenti ghal laqgha li zewgha kellu ma' Anthony Falzon waqt li kien qieghed jigi diskuss l-impjieg tal-attur u kkonfermat il-verzjoni tal-attur dwar il-hlas ta' *lump sum* kull sitt xhur fl-ammont ta' €5,000.[2]

[1] Ara l-affidavit tal-attur a *fol.* 9 tal-process.
[2] Ara l-affidavit ta' Carol Sammut a *fol.* 10 tal-process.

iii. Anthony Falzon, Direttur Manigerjali fi hdan is-socjeta’ konvenuta, xehed li s-socjeta’ konvenuta kienet impjegat lill-attur bl-iskop li dan izid ix-xoghol tal-kumpanija b’mod konsistenti. Spjega li l-ftehim mal-attur kien li l-attur kellu jercievi salarju gross ta’ €1,666.66c fix-xahar, u f’kaz li wara sena li jkun ilu fl-impjieg mas-socjeta’ konvenuta jirrizulta li l-bejgh introdott lill-kumpanija mill-attur ikun jaqbez l-€2,000 fil-gimgha, allura l-attur ikun intitolat ghal *performance bonus*. Qal li waqt il-perjodu tal-prova kien irrizulta li l-attur ma kien gab l-ebda zieda fix-xoghol tas-socjeta’ konvenuta u li ghalhekk l-impjieg tal-attur kien gie itterminat.[3] In kontro-ezami, Anthony Falzon qal li kuntratt ta’ impjieg bil-miktub ma kienx sar. Spjega li l-attur kien responsabbli mid-dipartiment tas-*sales* u l-aspettativi tas-socjeta’ konvenuta kienu li dan id-dipartiment immexxi mill-attur jaghmel bejgh ta’ €2,000 fil-gimgha, mentri fir-realta’ il-bejgh kien ferm inqas minn hekk.

iv. Rita Falzon, direttur fi hdan is-socjeta’ konvenuta, xehdet illi l-ftehim mal-attur kien li jkollu paga fissa. Spjegat li l-attur kien ikun intitolat ghal *allowance* f’kaz li jintlahqu zewg kundizzjonijiet, u cioe’ li l-attur jibqa’ fl-impjieg tas-socjeta’ konvenuta ghal zmien sena u tkun irregistrata zieda fil-bejgh tal-kumpanija. Xehdet li l-attur ma kienx lahaq il-miri stabbiliti u kien ghalhekk li wara hames xhur, u waqt il-perjodu ta’ *probation*, kien gie deciz li l-impjieg tal-attur jigi terminat. Qalet ukoll li ftit wara li kien beda fl-impjieg, l-attur kien talab illi jithallas l-*allowance* kull sitt xhur minflok kull sena u li hi kienet wegbitu li dan ma setghax isir ghaliex l-*allowance* kienet ser tinghata biss f’kaz li l-attur jilhaq il-miri stabbiliti.[4]

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

6. Kif huwa evidenti mill-fatti suesposti, f’dan il-kaz hemm kunflitt car bejn il-verzjonijiet tal-partijiet. Il-Qorti tirrileva li fl-atti ma gewx prodotti provi dokumentarji li jistghu jikkorroboraw il-verzjoni ta’ xi wahda mill-partijiet. Ghaldaqstant, din il-Qorti necessarjament ser ikollha tislet minn dak li ddeponew il-kontendenti jekk xi wahda

[3] Ara l-affidavit ta’ Anthony Falzon a *fol.* 14 tal-process.
[4] Ara x-xhieda ta’ Rita Falzon a *fol.* 16 tal-process.

miz-zewg verzjonijiet hijiex aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra, ghaliex fin-nuqqas ikun japplika l-principju li *actore non probante reus absolvitur*.

7. Permezz ta' din il-kawza, l-attur qieghed jitlob li s-socjeta' konvenuta thallsu s-somma ta' €5,000 bhal parti mis-salarju li kien ghad fadallu jircievi ghal perjodu ta' ftit inqas minn sitt xhur li dam fl-impjieg. Jghid li qabel ma beda fl-impjieg tieghu, kien gie maqbul li parti mis-salarju tieghu kellu jinzamm mis-socjeta' konvenuta u tinghatalu lura fiz-zmien stabbilit u dan biex hu ma jaqbadx u jittermina l-impjieg tieghu meta jidhirlu. Da parti taghha, s-socjeta' konvenuta tikkontendi li ma hemm ebda somma dovuta lill-attur stante li, skond is-socjeta' konvenuta, il-ftehim bejn il-partijiet kien li l-attur kien ser jithallas *allowance* jew *performace bonus* f'kaz biss li wara l-gheluq ta' sena fl-impjieg, l-attur ikun lahaq il-miri stabbiliti.

8. Il-Qorti tosserva li bejn il-partijiet ma kienx sar kuntratt ta' xoghol bil-miktub. Madankollu dan ma jfissirx li bejniethom ma kienx hemm kuntratt ta' impjieg u dan kif jirrizulta mit-tifsira ta' "kuntratt ta' servizz" u "kuntratt ta' impjieg" moghtija mill-Artikolu 2 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali) li jispecifika li kuntratti bhal dawn jiswew "*sew jekk bil-fomm jew bil-miktub, f'kull ghamla li tkun, li bih persuna tintrabat li taghmel servizz lil jew tahdem ghal principal bil-hlas ta' paga u safejn ghandhom x'jaqsmu l-kondizzjonijiet tal-impieg jinkludi ftehim ta' apprendistat*".

9. Il-Qorti tosserva ulterjorment li l-Artikolu 7 tal-istess Att espressament jipprovdi li:

> "***7.*** *Meta jdahhal mieghu mpjegat, il-principal ghandu jfehmu d-dispozizzjonijiet ta' kull kondizzjoni maghrufa ta' impieg li tghodd fil-kaz tieghu u ghandu jaghti lill-impjegat dikjarazzjoni bil-miktub dwar dawk il-kondizzjonijiet kif jista' jigi preskritt.*"

10. L-Att dwar Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jiddifenixxi "kondizzjonijiet maghrufin tal-impieg" bhala "*dawk il-kondizzjonijiet tal-impieg li huma maghrufin skont it-Taqsima II tat-Titolu I ta' dan l-Att*". Din it-Taqsima tinkludi, *inter alia*, disposizzjonijiet dwar ordnijiet ta' *standard* nazzjonali, dwar hinijiet tax-xoghol u sahra, dwar kundizzjonijiet li jirregolaw il-*leave*, u dwar zidiet fil-pagi dwar l-gholi tal-

hajja. Il-legislazzjoni sussidjarja mahruga taht il-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta imbaghad tipprovdi diversi ordnijiet dwar *standard* nazzjonali li jirregolaw iz-zieda fil-pagi ghall-impjegati u jistabilixxu l-inqas paga nazzjonali. Ghaldaqstant, fil-fehma ta' din il-Qorti huwa evidenti li r-retribuzzjoni li l-impjegat ghandu jircievi ghax-xoghol tieghu taqa' taht id-definizzjoni ta' wahda mill-kundizzjonijiet maghrufa tal-impjieg.

11. F'dan ir-rigward, fis-sentenza fl-ismijiet **Amanda Mifsud vs Alex Lapira et** deciza nhar it-22 ta' Mejju 2009, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[5] irriteniet hekk:

> *"Dan l-obbligu esplicitu tal-ligi fuq min ihaddem kellu jircievi applikazzjoni stretta in kwantu permezz tieghu l-impjegat ikun allert ghal dawk il-kundizzjonijiet li jiddixxiplinaw il-livell tar-retribuzzjonijiet li kellu jircievi u dawk l-elementi l-ohra tat-termini tax-xoghol tieghu bhal ma huma hinijiet normali tax-xoghol, hinijiet straordinarji, leave, etcetra. Jekk xejn, ghall-evitar ta' kontroversji 'l quddiem; … …*
>
> *Minn aspett iehor, l-esigenza tal-ligi fl-Artikolu 7 takkwista valur akbar mir-riflessjoni li tinzel mill-Artikolu 42 ta' l-Att li jipprovdi li l-kundizzjoniiet ta' impjieg li jigu miftehma bejn principal u impjegat ma jridux ikunu anqas favorevoli ghall-impjegat minn dawk specifikati fl-Att jew fir-regolamenti maghmulin tahtu. L-importanza ta' dan il-provvediment hi ovvja. Permezz tieghu l-legislatur irid illi d-dixxiplina legali jew regolamentari tal-kundizzjonijiet tax-xoghol titqieghed f'gerarkija superjuri ghal dawk tal-kuntratt privat fl-awtonomija tieghu*."

12. Applikat dan l-insenjament ghall-kawza odjerna, il-Qorti tosserva li f'dan il-kaz ma huwiex kontestat li fil-bidu tal-impjieg tal-attur mas-socjeta' konvenuta kien sar diskors bejn il-partijiet dwar hlas ta' somma b'zieda mas-salarju li l-attur kellu jibda jercievi kull xahar. Dak li dwaru ma jaqblux il-partijiet huwa x'kien jirraprezenta dan il-hlas u meta u kif tali hlas kellu jsir. Minn qari tal-Artikolu 7 u disposizzjonijiet ohra tal-Att dwar Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali huwa car li l-iskop tal-ligi huwa li sa mill-bidu, l-impjegat ikun jaf b'mod car x'inhuma l-kundizzjonijiet tal-impjieg tieghu. Huwa

[5] *Per* Imhallef Philip Sciberras

ghalhekk li l-ligi taghraf li filwaqt li kuntratt ta' impjieg jista' anke jkun bil-fomm, imbaghad tezigi li l-principal jaghti lill-impjegat dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-kundizzjonijiet maghrufa tal-impjieg.

13. Din il-Qorti hija tal-konsiderata fehma li jekk kif tikkontendi s-socjeta' konvenuta, il-hlas ta' din is-somma lill-attur kien marbut mal-kundizzjoni li l-attur jilhaq il-miri stabbiliti, allura s-socjeta' konvenuta kellha tosserva l-obbligu impost fuqha mil-ligi u taghti lill-attur dikjarazzjoni bil-miktub li tkun tirrifletti il-kundizzjonijiet verbali maqbula bejn il-partijiet. Huwa proprju f'cirkostanzi bhal dawn li l-obbligu stabbillit fl-Artikolu 7 ghandu jinghata applikazzjoni stretta. Il-Qorti tqis li b'din id-disposizzjoni, l-ligi trid li l-kundizzjonijiet tax-xoghol inkluz il-hlas dovut lill-impjegat, sija jekk ikun *performance bonus* u sija jekk ikun parti mill-paga, ikun regolat b'parametri stabbiliti bil-miktub u b'hekk ma jkunx dipendenti ghal kollox mid-diskrezzjoni assoluta u arbitrarja tal-principal. Il-fatt li f'dan il-kaz ma ngabet ebda prova li s-socjeta' konvenuta tat lill-attur id-dikjarazzjoni bil-miktub msemmija fl-Artikolu 7 iwassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni li s-socjeta' konvenuta ma ottempratx ruhha mal-obbligu impost fuqha b'din id-disposizzjoni tal-ligi. Konsegwentement, is-socjeta' konvenuta ma tistax issa takkwista vantagg minn dan in-nuqqas taghha billi tikkontendi li l-ftehim verbali mal-attur kien jistipola mod iehor.

14. In oltre, il-Qorti tosserva kontradizzjoni fil-verzjoni moghtija minn Anthony Falzon, id-direttur manigerjali tas-socjeta' konvenuta, meta f'hin minnhom jghid li l-obbligu tal-hlas kien jiskatta biss fl-eventwalita' li l-attur jilhaq il-miri stabbiliti meta tispicca s-sena, izda imbaghad in kontro-ezami jikkoncedi li fuq talba tal-attur kien gie maqbul li din is-somma tithallas wara sitt xhur. Jekk verament il-ftehim kien li l-attur jithallas biss jekk jintlahqu l-miri stabbiliti fuq medda ta' sena, ghal Qorti huwa kontrasens li s-socjeta' konvenuta kienet laqghet it-talba tal-attur li thallsu wara t-trapass ta' sitt xhur, u dan stante li jekk sussegwentement kien ser jirrizulta li l-miri ma jkunux intlahqu dan kien ser ifisser li l-attur jerga' jirrifondi lura dak il-hlas lis-socjeta' konvenuta. In oltre m'hux verosimili li wiehed jippretendi li haddiem li jibda xoghol gdid, f'qasam gdid ghalieh, jilhaq miri stabbiliti mal-ewwel xhur tal-impjieg tieghu.

15. Minn naha l-ohra, l-attur dejjem kien konsistenti fil-verzjoni tieghu u anke waqt il-konfront li sar fil-proceduri bejnu u Anthony Falzon, l-attur baqa' jinsisti li l-hlas ta'

din is-somma ma kienx marbut ma' xi miri partikolari stabbilti u li din is-somma kienet parti mis-salarju tieghu li ma kienitx marbuta maz-zieda fil-bejgh tas-socjeta' konvenuta. In konkluzjoni ghalhekk il-Qorti tqis li l-ftehim bejn il-partijiet kien li l-attur kellu jithallas s-somma addizzjonali ta' €5,000 bhala parti mill-paga tieghu ghal kull sitt xhur li jdum fl-impjieg.

16. Stante li ma huwiex ikkontestat li effettivament l-attur kien fl-impjieg tas-socjeta' konvenuta ghal perjodu ta' sitt xhur neqsin gimghatejn, il-hlas dovut lill-attur qieghed jigi ikkalkolat *pro rata* fl-ammont ta' €4,615.44.[6] Dan huwa rikonoxxut ukoll mill-attur, li fl-affidavit tieghu b'lealta jghid li *"il-lump sum payment kellu jkun €5000 forsi nieqes xi ammont ghall-ftit granet illi ma kontx hdimt."*[7] _Konsegwentement, it-talba attrici ser tigi milqugha limitatament ghal dan l-ammont.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta;

2. Tilqa limitatament it-talba tal-attur u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' erbat elef, sitt mija u hmistax-il Euro u erbgha u erbghin centezmu (€4,615.44), bl-imghax legali mill-11 ta' Gunju 2014, id-data tan-notifka tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mis-socjeta' konvenuta.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**

**Deputat Registratur**

---

[6] €5,000 / 26 gimgha (jew sitt xhur) = €192.31 X 24 gimgha = €4,615.44

[7] Ara affidavit tal-attur *a fol.* 9 tal-process.